MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2011

Appell Civili Numru. 23/2010

**Decizjoni tal-Arbitru : 388/2010 fl-ismijiet:-**

**Natalia Aquilina (K.I. 568688(M))**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

**I. PRELIMINARI.**

Illi fit-3 ta' Novembru 2010 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi li qed tigi hawn riportata fl-intier taghha: -

*"L-Arbitru.*

*Meta sejjah l-appell, dehret l-appellanti assistita mill-Avukat Chris Cardona. Deher ukoll ir-rapprezentant tad-Divizjoni.*

*Deher J Attard, Spettur tad-Dipartiment tal-Frodi ta' Benefficcju u Investigazzjoni li pprezenta r-rapport.*

*Xehdet l-appellanti.*

*L-Arbitru wara li sema' fid-dettal l-appellanti u li l-iSpettur hu tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz senjatament il-problemi tal-appellanti mal-genituri taghha; id-decizjoni tad-Dipartiment ma kinetx gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh.*

Rat ir-rikors tal-Appell tad-Direttur tas-Sigurta` Socjali datat 9 ta' Dicembru 2010 a fol 1 tal-process fejn l-appellanti fil-waqt li rrefera ghall-atti tal-kaz, u rrizerva illi jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li jidhirlu xierqa, li jipproduci l-provi kollha ammissibbli skont il-Ligi f'dan l-istadju, talab li din il-Qorti tilqa' dan l-appell u ghalhekk tirriforma u tvarja d-decizjoni tal-arbitru fl-ismijiet Natalia Aquilina vs Direttur tas-Sigurta`; decizjoni numru 388/2010 deciza fit-3 ta' Novembru 2010 billi tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur datata 2 ta' Marzu 2010 u ghalhekk tilqa' l-appell odjern u tordna li l-appellata ghandha tirrifondi lill-esponent l-ammont ta' €10,758.54; bl-ispejjez kontra l-appellata.

Rat li ghalkemm Natalia Aquilina giet notifikata bl-avviz tas-smigh appell fil-31 ta' Jannar 2011 baqghet ma pprezentat l-ebda risposta.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fl-10 ta' Marzu 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehret Dr. Nadya Fiott ghall-appellanti u Dr. Chris Cardona ghall-appellata prezenti li trattaw il-kaz u l-appell gie differit ghas-sentenza ghas-sentenza ghas-17 ta' Mejju 2011.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li l-appellata kienet applikat fl-24 ta' Lulju 2007 sabiex tircievi l-ghajnuna socjali fejn iddikjarat li kienet tqila u kienet qed toqghod ma nannuha Lolly Aquilina fil-fond 10, Triq il-Laqxija, Birkirkara, liema talba giet milqugha tant li bidet tircievi tali beneficcju socjali (SUP) skond il-ligi. Jirrizulta pero' li fis-26 ta' Jannar 2010 sar rapport mill-Benefit Fraud and Investigation Unit datat 26 ta' Jannar 2010 fejn gie allegat li l-appellata ma baqghet tghix fl-istess fond ghaliex kien hemm re-direction tal-posta ghall P.O.Box. 72, B'kara, u wara stharrig gie stabbilit li l-fond indikat gie nnumerat mill-gdid bin-numru 40 flok 10, u meta saret zjara fl-istess fond fit-23 ta' Jannar 2010 mill-ispettorat sabu hemm lin-nannu tal-istess appellata, li ghall-ewwel iddikjara li l-appellata tghix mieghu flimkien ma' bintha Enrica ta' sentejn, u saret spezzjoni fl-istess fond, fejn l-ispettorat allega li ma kien hemm ebda sinjal li l-istess appellata kienet toqghod hemm, tant li inghad li ma kienx hemm ikel tat-trabi, u inghad minn nannu tal-istess appellata, li hija kienet torqod fuq is-sufan u uriehom fejn skond huwa kienet terfa hwejjigha, izda li skond il-persuni li ghamlu r-rapport kienu biss jikkonsistu f'lozor u xejn izjed, u kkonkludew li ma kienx hemm sinjali li f'dak il-post kienet tghix mara ta' 22 sena u tarbija ta' sentejn, u skond huma l-imsemmi Manwel Aquilina ammetta maghhom li kemm l-appellata u kemm bintha ma kienux jghixu mieghu, u fuq din il-bazi l-ispettorat ikkonkluda li la darba l-appellata ma kienitx qed tghix b'mod regolari u permanenti fl-indirizz indikat minnha kien hemm ksur tal-Kap. 318 dwar intitolamenti ta' Ghajuna Socjali (SUP), l-Allowance tat-Tfal (CA) u tal-Beneficcju ghall-Energija (ENRG) u ghalhekk gie rakkomandat li jigi sospiz b'effett immedjat intitolament ta' Ghajuna Socjali (SUP) u tal-Beneficcju ghall-Energija (ENRG) u li jingabru lura l-pagamenti kollha li saru fuq l-beneficcarja mill-11 ta' Settembru 2007 sal-10 ta' Settembru 2008 u 29 ta' Dicembru 2008 sad-data tar-rapport. Illi tali rakkomdazzjoni giet approvata mill-Assistent Direttur Alex Agius fis-27 ta' Jannar 2010.

Illi fit-2 ta' Marzu 2010 jidher li l-appellata giet informata b'dan fis-sens li inghad *"li l-applikazzjoni tieghek ghall Ghajnuna Socjali (SUP) kienet mistharrga/riveduta u gie deciz li m'intix/m'ghadekx aktar intitolata ghal din l-Ghajnuna ghaliex id-direttur mhux sodisfatt li qed tifforma familja ghal rasek u/jew li qed tabita fl-indirizz moghti minnhek"* iffirmat minn Joseph Chircop Principal ghad-Direttur (Beneficcji) u b'avviz datat 3 ta' Marzu 2010 giet informata li kellha thallas lura is-somma ta' €10,758.54 li kienet thallset bhala Ghajnuna Socjali (SUP) ghall-perjodu bejn it-28 ta' Lulju 2007 sad-19 ta' Marzu 2010.

Illi fit-23 ta' Marzu 2010 sar appell quddiem l-Arbitru mid-decizjoni tad-Direttur stante li gie allegat li:-

1. Illi s-Sinjorina Aquilina tghix ghal rasha flimkien ma' bintha Enrica Aquilina li hija wild ta' missier mhux maghruf;

2. Illi l-istess Sinjorina Aquilina ma tahdimx u qed ikollha thares finanzjarment l-interessi taghha u ta' bintha minghajr ebda manteniment minn hadd.

Illi d-Direttur irrisponda li l-appellata kienet qed tircievi tali benifccju (SUP) sad-data tad-19 ta' Marzu 2010 u li dan twaqqaf ghar-ragunijiet indikati fid-decizjoni tat-2 ta' Marzu 2010 u li ghalhekk intalab il-hlas lura kif indikat b'ittra datat 3 ta' Marzu 2010 u li dan l-appell ma jqanqal l-ebda punt ta' ligi jew principju ta' importanza u ghalhekk ghandhu jigi michud.

Illi jirrizulta li l-appell instema mill-Arbitru fit-3 ta' Novembru 2010 fejn deher J. Attard u prezenta r-rapport tieghu u xehdet l-appellanti, u nghatat decizjoni datata 3 ta' Novembru 2010 fis-sens li *"L-Arbitru wara li sema' fid-dettal l-appellanti u li l-iSpettur hu tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz senjatament il-problemi tal-appellanti mal-genituri taghha; id-decizjoni tad-Dipartiment ma kinetx gustifikata u ghalhekk dan l-appell ghandu jigi milqugh.*

Illi sar l-appell odjern mid-Direttur tas-Sigurta' Socjali datat 9 ta' Dicembru 2010 fejn sostna (a) li l-aggravju tal-appellata bl-ebda mod ma gie trattat u gie deciz biss li l-appellata ghandha problemi mal-genituri taghha, u dan meta tali konstatazzjoni ma tirrendiex id-decizjoni tad-Dipartiment ingustifikabbli ghaliex din id-decizjoni kienet ibbazata fuq termini ohra, minbarra li tali decizjoni tal-arbitru kienet skarna minn kull konsiderazzjoni fuq il-mertu u b'hekk abbazi tas-sentenzi **"Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** (A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010) u **"Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. – 13 ta' Lulju 2001) jirrizulta li ma inghatx raguni ghaliex u kif il-mertu tal-kaz gie deciz, b'dan li tali decizjoni ma' kienitx motivata; (2) li d-decizjoni tal-Arbitru ma haditx konsiderazzjoni r-rapport ta' l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet fejn hemm indikata wkoll l-ammissjoni ta' Manwel Aquilina li l-appellata u bintha ma tghix mieghu, u li ma kien hemm ebda sinjal mill-ispezzjoni fil-fond indikat li l-appellata u bintha kienet toqghod fir-residenza minnha ddikjarata, u apparti li x-xhieda tal-appellata ma kienitx verosmili ghar-ragunijiet indikati mill-appellanti f'paragrafu 12 tar-rikors tal-appell tieghu, u ghalhekk din il-Qorti qed tigi mitluba li tvarja d-decizjoni tal-Arbitru billi tikkonferma d-decizjoni tad-Direttur datata 2 ta' Marzu 2010 u b'hekk tilqa' l-appell odjern.

Illi dan l-appell gie kkontestat verbalment mid-difensur tal-appellata fuq il-binarju li d-decizjoni tal-arbitru kienet motivata u wkoll li l-appellata ppruvat dak minnha allegat fl-appell taghha quddiem l-istess Arbitru, fis-sens allura li d-decizjoni kienet konformi mal-ligi.

Illi minn ezami tal-atti processwali u d-decizjoni tal-Arbitru din il-Qorti thoss li fil-verita' l-Arbitru fid-decizjoni bl-ebda mod ma kkonsidra jew b'xi mod tratta l-aggravji mressqa mill-appellanti quddiemu u lanqas ha konjizzjoni tas-sottomissjonijiet maghmula quddiemu mill-appellant u fuq kollox naqas milli jidhol fil-punt krucjali li kien iddetermina d-decizjoni tad-Direttur tat-2 ta' Marzu 2010 bbazata fuq il-kunsiderazzjoni li l-appellata ma kienitx qed tghix fil-post 40, gia' 10, Triq Laqxija, B'kara, li kien il-post fejn hija

ddikjarat li qed tirrisjedi fil-mument li bdiet tircievi l-beneficcju.

Illi fil-fatt dak li nghad fl-istess decizjoni huwa biss li d-decizjoni tad-Dipartment mhux gustifikata ghaliex sema' lill- appellanti (Natalia Aquilina) u li *"l-ispettur hu tal-fehma li fic-cirkostanzi tal-kaz senjatament il-problemi mal-genituri taghha; id-decizjoni tad-Dipartiment ma kienitx gustifikata"* u dan fl-opinjoni ta' din il-Qorti la jammonta ghal motivazzjoni tal-istess decizjoni u lanqas jittratta l-punti mressqa quddiemu miz-zewg partijiet, b'dan li jista' jinghad li din id-decizjoni ma hijiex motivata skond il-ligi u dan irendi l-istess decizjoni nulla u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi

Illi kif inghad fis-sentenza **"Maltacom plc vs Awtorita' ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni"** (A.I.C. (RCP) 26 ta' Gunju 2008) huwa necessarju li decizjoni jkun fiha r-ragunament ghaliex min iddecieda ikun wasal ghal tali decizjoni u din ma hijiex kwistjoni semplici li l-Arbitru naqas li jaghti risposta dettaljata ghal kull argument (**"Van de Hurk vs The Netherlands" –** Q.E, - 19 ta' April 2004) izda li effettivament l-istess decizjoni hija bla motivazzjoni ghax naqset li tittratta u tiddeciedi dwar dak sottomess lilha mill-partijiet.

Illi fil-fatt fl-istess sentenza nghad li din id-decizjoni qed tittiehed fis-sens li huwa guridikament pacifiku li decizjoni ta' tribunal amministrattiv ghandha tkun motivata sufficjentement, mhux biss ghax hekk tirrikjedi t-trasparenza, izda wkoll biex il-parti li titlef tinghata sodisfazzjon sufficjenti ghaliex it-tribunal in kwistjoni jkun wasal ghad-decizjoni tieghu u biex jekk ma taqbilx mad-decizjoni tieghu tista' tappella minnha fit-termini tal-ligi **("Victor Debrincat vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp" –** A.C. – 16 ta' Dicembru 2003).

Illi dan ma jfissirx li decizjoni ghandha tindirizza kull lamentela li tkun tressqet quddiemu, izda ma hemm l-ebda dubju li f'dan il-kaz l-Arbitru ghandu d-dmir u l-obbligu li jiddeciedi kwistjonijiet li tressqu quddiemu, kemm dawk legali u dawk fattwali b'mod li jittratta dak li

huwa rilevanti biex il-kaz jigi gustament deciz (**“Avukat Pio Valletta vs il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** – A.C. – 28 ta’ Gunju 2002). F’dan il-kuntest ma hemm l-ebda dubju li sabiex issir dan l-istess Arbitru, u tribunal jew organu gudizzjarji, kwazi gudizzjarji jew amministrattivi ghandhom jikkonsidraw u jittrattaw il-mertu tal-kwistjoni quddiemu u f’dan kemm fil-kuntest tat-talba u l-opposizzjoni li ssir kontra l-istess talba, b’dan li fil-kuntest odjern l-aggravji u s-sottomissjonijiet ta’ natura legali u fattwali mressqa mill-partijiet kellhom mhux biss jigu elenkati izda determinati u b’hekk biss jista’ jinghad li decizjoni f’dan il-kuntest tkun verament motivata (**“Dr. Alfred Sant vs Kummissarju tat-Taxxi Interni”** – A.C. – 4 ta’ Marzu 2002; **“Agricultural Co-operative Limited vs Peter Axisa”** – A.I.C. (PS) – 28 ta’ April 2004). Dan ghalhekk ifisser li ghalkemm ma huwiex mehtieg li jkun hemm xi motivazzjoni dettaljata u fil-fond, pero’ minn naha l-ohra ma jfissirx li l-mertu tal-vertenza ghandu jigi njorat u anke sorvolat b’deliberazzjonijiet leggeri skarsi minn motivazzjoni sobrija u injorar ta’ konsiderandi fil-provi attenti jew tal-principji legali proposti (**“Albert Degiorgio vs Loris Bianchi et”** – A.I.C. (PS) – 23 ta’ Jannar 2004).

Illi l-istess gie ritenut fis-sentenza **“Ronnie Gauci vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 6 ta’ Ottubru 2010) fis-sens li:-

*“…..il-motivazzjoni hi ta’ essenza f’kull gudikat, mhux necessarju li din tkun wahda bilfors elaborate, u tista’, anzi, tkun wahda skematika, basta li minnha tkun tista’ tigi ndividwata r-raguni li titqieghed ghab-bazi tad-decizjoni. Ara ed ezempju d-decizjoni fl-ismijiet* ***“Joseph Mercieca vs Water Services Corporation”*** *Appell Inferjuri, 27 ta’ Frar 2009. Irid jinghad illi din l-espressjoni ta’ fehma giet, sa ricentement hafna, abbraccjata mill-Qorti tal-Appell kollegjali in re:* ***Frank P. Borg. Limited vs Joseph Camilleri”,*** *28 ta’ Mejju 2010”.*

Illi l-istess inghad fis-sentenza **“Charles Schembri vs Direttur tas-Sigurta’ Socjali”** (A.I.C. (PS) – 30 ta’ Jannar 2009) fis-sens li:-

*"fl-adempjiment ta' l-obbligu tal-motivazzjoni l-gudikant mhux tenut li joqghod jaghmel apprezzament singolari tar-rizultanzi kollha processwali jew punti kollha ta' dritt izda sufficjenti li hu jindika l-elementi li fuqhom ikun qed jiffonda d-decizjoni tieghu".*

Illi fis-sentenza **"Kruger Limited vs Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud"** (A.I.C. (PS) – 13 ta' Lulju 2001) inghad li huwa principju bazilari li l-litigand ghandu jinghata raguni ghaliex il-mertu kien qed jigi deciz kif fil-fatt gie deciz. *"Dan mhux biss biex tigi assikurata t-trasparenza tal-gudizzju imma wkoll biex tkun tista' tigi verifikata l-gustizzja tal-gudikat. Id-decizjoni kellha almenu tinvesti l-mertu tat-talbiet kif proposti u l-eccezzjonijiet ghalihom".*

Illi hekk fid-decizjoni **"Michael Gatt vs l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** (A.C. – 19 ta' Novembru 2001) inghad li biex issir gustizzja mal-partijiet, dik it-tezi kellha tigi nvestigata sewwa u l-kwistjoni dibattuta bejn il-partijiet kellha tigi epurata u deciza b'motivazzjoni debitament studjata biex taghti sodisfazzjon anke lill-parti telliefa, u mhux tigi dik it-tezi semplicement skartata b'zewg kelmiet. Illi dan il-principju jissarraf li l-organu li ghandhu jiddeciedi huwa obbligat li mhux biss jikkonsidra l-punti sottomessi ghad-decizjoni tieghu, izda li jinvestigahom u jaghti decizjoni taghhom u mhux jisfjorhom jew jinjorahom ghaliex altrimenti dan fih innifsu jikkawza ngustizzja ghall-istess partijiet li ghandhom ikollhom sodisfazzjon ghas-sottomissjonijiet taghhom u decizjoni dwar l-istess u fin-nuqqas ta' l-istess l-istess decizjoni tkun nulla ghaliex tippekja mill-elementi ta' smigh xieraq li jinkludi li d-decizjoni tkun motivata u b'hekk tkun trattat il-mertu tal-kaz quddiemha **("Marie Louise Farrugia nomine vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** – A.I.C. (RCP) – 30 ta' Novembru 2006; **"Philip Micallef vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) – 26 ta' April 2007; **"Dr. Graham Busuttil vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar" -** – A.I.C. (RCP) –28 ta' April 2008; **"Victor Borg vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** – A.I.C. (RCP) – 31 ta' Mejju 2007).

Illi sabiex jigi ccarat dak li qed jinghad f'din is-sentenza, jinghad li din il-Qorti qed tirritjeni li l-Arbitru u kull gudikant ghandu fl-ewwel lok jiehu in konsiderazzjoni l-aggravji mressqa quddiemu u jikkonsidra l-istess fid-dawl tal-argumenti migjuba mill-kontro-parti u jiddeciedi l-istess fid-diskrezzjoni tieghu f'dak li huma fatti, u fid-dawl tal-ligi, b'dan li jinghata aditu ghal dak sottomess mill-partijiet quddiemu, in vista u in omagg tal-principju *cerimus paribus* u ta' smigh xieraq, li jwasslu li d-decizjoni tkun ben motivata. Dan fil-kaz odjern ma jidhirx li sar fid-decizjoni hawn suggetta ghal dan l-appell, u dan iktar u iktar meta l-aggravji kienu cari u l-eccezzjonijiet ghall-istess ben impostati, li kollha kienu diretti lejn id-decizjoni tad-Dipartiment li rriteniet li l-appellata ma kienitx qed tghix fil-post li hija stess indikat li kienet qed tghix bih, punt li fid-decizjoni tal-Arbitru ma giex indirizzat, u dan meta tali punt kien il-mertu tal-appell kollu, u dan huwa iktar gravi fid-dawl tal-eccezzjonijiet imqajjma mill-appellanti odjerni quddiemu permezz tan-nota tal-14 ta' Ottubru 2010 li lanqas giet indirizzata. Oltre minn dan, din il-Qorti qed tiddeciedi, li l-Arbitru kellu jiehu in konsiderazzjoni il-fatti relattivi u determinanti ghall-kaz in kwistjoni, u dan jinkludi kemm dak favur jew kontra xi wiehed jew iktar mill-partijiet quddiemu, u dan sabiex fl-ahhar mill-ahhar jasal ghall-konkluzjoni tieghu, wara li jikkonsidra l-provi <u>kollha</u> quddiemu, haga li f'dan il-kaz ma saritx.

Illi dan huwa kaz mhux ta' kwistjoni ta' mankanza ta' xi ezami profond, jew xi motivazzjoni b'mod telegrafiku, izda mankanza totali li l-istess Arbitru jittratta u jikkonsidra u jghati decizjoni motivata fuq il-punti esposti quddiemu mill-istess partijiet b'dan li certament li bid-decizjoni tieghu mertu ta' dan l-appell ma jistax jinghad li l-istess aggravi u sottomissjonijiet maghmula quddiemu gew b'xi mod investiti, trattati u decizi u l-konkluzjoni raggunta fl-istess decizjoni ma ghandha motivazzjoni jew spejgazzjoni ta' xejn. B'hekk tali decizjoni tikser anke wiehed mill-principji bazilari tal-gustizzja naturali u allura l-ewwel aggravju tal-appellanti qed jigi milqugh ghaliex il-punti in diskussjoni bl-ebda mod ma jista' jinghad li gew ezaminati u wisq inqas investiti u spjegati fid-decizjoni appellata b'dan li allura

jsegwi li l-mertu tal-appell ma giex effettivament ikkunsidrat u deciz. F'dan il-kaz ma hemmx wiehed x'jaghmel hlief li din il-Qorti tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru ghal decizjoni motivata skont il-ligi (**"Philip Zerafa vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** – A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010); **"Anna Maria Cavallari vs Direttur tas-Sigurta' Socjali"** - A.I.C. (PS) – 6 ta' Ottubru 2010).

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-ewwel aggravju interpost mill-appellanti d-Direttur tas-Sigurta' Socjali fir-rikors tal-appell tieghu datat 9 ta' Dicembru 2010** u ghalhekk tirrevoka u thassar id-decizjoni tal-Arbitru fl-ismijiet premessi datata 3 ta' Novembru 2010 u tiddikjara l-istess bhala nulla u bla effett ghal kull effett u buon fini tal-ligi, u tirrinvija u tirrimanda l-atti lura lill-Arbitru sabiex fid-dawl tal-premess jghaddi ghad-decizjoni tieghu motivata skond il-ligi.

L-ispejjez relattivi ta' dan l-appell jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------